

Brussell, 7 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13090/22

CDR 121

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir- Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tal-1 ta' Awwissu 2022, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Christopher DREXLER, membru fil-Kumitat tar-Regjuni¹.
2. Fil-21 ta' Ġunju 2022, is-Sur Hannes WENINGER, li qabel kien membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, inġabar bħala membru. Konsegwentement għall-ħatra tiegħu bħala membru, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti².
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

¹ 12116/22.

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1000 tal-21 ta' Ġunju 2022 li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Awstrija fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 168, 27.6.2022, p. 78).

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Christopher DREXLER, il-Gvern Awstrijak ippropona³ lis-Sur Werner AMON, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Landesrat, Steiermärkische Landesregierung* (Membru tal-Gvern Provinċjali, Gvern Provinċjali ta' Styria), bħala membru tal-Kumitat tar-Regġuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
4. Barra minn hekk, f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Hannes WENINGER, il-Gvern Awstrijak ippropona lis-Sur Thomas STEINER, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Mitglied des Gemeinderats von Eisenstadt* (Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Eisenstadt), bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 13089/22 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

³ 13084/22.